MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 380/2012

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,
bhala mandatarju specjali ta' THE PROCTER &
GAMBLE
COMPANY, socjeta' estera organizzata taht
il-ligijiet tal-Istat ta' Ohio fl-Istati Uniti
tal-Amerika u hemmhekk irregistrata
bin-numru 20677, b'indirizz ta' One
Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio,
Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**TOKO GERMANY 'IMPORT EXPORT'
ossija TONI KOTALIS ezercenti kummerc bl-isem
ta' TOKO GERMANY 'Import Export' b'indikazzjoni
ta' indirizz ta' "LAMPERTHEIMERSTR. 4, 68642
BÜRSTADT fil-Germanja, u
Dr. Noel Bartolo u P.L. Veronica Rossignaud
gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw
lil**

**TOKO GERMANY 'IMPORT EXPORT'
ossija TONI KOTALIS ezercenti kummerc bl-isem
ta' TOKO GERMANY 'Import Export' b'indikazzjoni
ta' indirizz ta' "LAMPERTHEIMERSTR. 4, 68642
BÜRSTADT fil-Germanja
b'digriet tal-1 ta' Novembru 2012, u**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Nadine Farrugia
gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw
lil
ALGIDA, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta'
"Bab ben bashir 1, Tripoli/Lybia" fil-Libja
b'digriet tal-31 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-12 ta' April 2012 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' *laundry detergent/washing powder* tal-markji "ARIEL" / "*ARIEL*", hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha w in konnessjoni mal-istess. B'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi dwar it-*trademarks* taghha;

2. Illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji "ARIEL" (kelma), numru 000199976 b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004), "*ARIEL"* (tridimensjonali), numru 007037476 b'effett f'Malta mill-erbgha (4) ta' Lulju elfejn u tmeinja (2008), u "PROCTER & GAMBLE" (*wordmark*), numru 000300137 b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004), u dawn *inter alia* dwar prodotti ta' *laundry detergent /washing powder*;

3. Illi fost ohrajn ukoll, is-socejta attrici ghandha validament irregistrati f'Malta t-*trademarks* "*ARIEL*"

(figurativa), numru 22665, b'effett mill-ewwel (1) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u disghin (1993), u ARIEL (figurattiva) numru 9945, b'effett mill-hamsa (5) ta' Marzu elf disa' mija u disgha u sittin (1969), u dawn *inter alia* dwar prodotti ta' *laundry detergent/ washing powder*;

4. Illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitlu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta] u tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk tgawdi *inter alia* mill-proetezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erbgha mija w erbatax (414), kif ukoll mill-protezzjoni derivanti mill-artikolu wiehed (1), tnejn (2) subartikolu wiehed (1.) paragrafu (a), ghaxra (10), sittax (16) u sbatax (17) tal-istess *Council Regulation (EC) No. 1383/2001*, liema artikoli ta' ligi hawn imsemmija japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija u erbatax (414) kif ukoll fl-artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003*, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* CMAU 8183875 kontenenti prodotti ta' *laundry detergent/washing powder* li ghandhom fuqhom *trademarks* "*ARIEL*" u "PROCTER & GAMBLE", liema oggetti kollha waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport)* waqt il-kors ta' procedura doganali. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. Illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-tlettax (13) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) u, wara li ezaminat ritratti

elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta’ polza ta’ karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata *DRAFT BILL OF LADING* fejn, bhala *SHIPPER* hemm indikata “TOKO GERMANY ‘IMPORT EXPORT’, b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “LAMPERTHEIMERSTR. 4, 68642 BÜRSTADT, GERMANY”, filwaqt li bhala *CONSIGNEE* hemm indikata “ALGIDA”, b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “Bab ben bashir 1, Tripoli/Lybia”. Dwar ix-*SHIPPER*, jidher minn stharrig sussegwenti li certu TONI KOTALIS ezercita kummerc bl-isem ta’ TOKO GERMANY ‘IMPORT EXPORT’ fir-rigward tat-transazzjoni ekonomika dwar l-oggetti mertu ta’ din il-vertenza;

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b’kollox *5,326 packets of washing powder bearing the trademark of ARIEL of P&G all of 4 kilos*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll, *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta’ ligi ndikata fil-paragrafu nurmu erbgha (4) ta’ dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu disgha (9) tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark,* tal-artikoli ghaxra (10), erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att dwar it-*Trademarks* [Kapitlu erbgha mija u sittax (416) tal-Ligijiet ta’ Malta], u tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003);

8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-tnax (12) ta’ April elfejn u tnax (2012) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi prodotti ta'*laundry detergent/washing powder* li ghandhom fuqhom *trademarks "ARIEL"* u "PROCTER & GAMBLE", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CMAU 8183875 kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita estera intimata ALGIDA;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Algida tad-19 ta' Gunju 2012 fejn ecceppew li:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandu aktar informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-1 ta' Novembru 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita estera intimata Toko Germany 'Import Export' ossia Toni Kotalis ezercenti l-kummerc bl-isem Toko Germany 'Import Export';

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Toko Germany 'Import Export' ossia Toni Kotalis ezercenti l-kummerce bl-isem Toko Germany 'Import Export' tal-21 ta'Jannar 2012 fejn ecceppew li:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandu aktar informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolu;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-marki "ARIEL" u "PROCTER & GAMBLE" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Malta bin-numri 22665 u 9945, u dawk Komunitarji (CTM) bin-numri 000199976, 007037476 u 000300137.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. J a fol. 61) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru CMAU 8183875 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'hamest elef tlett mija u sitta u ghoxrin (5,326*)* pakkett ta' trab tal-hasil tal-hwejjeg bil-marki ta' "ARIEL" u ta' "PROCTER & GAMBLE" u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM LEO fit-8 ta' Marzu 2012 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fit-13 ta' Marzu 2012 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjetajiet/entitajiet intimati (Dok. AB fol. 308, cioe affidavit ta' Shelley Suzanne Duggan, rapprezentanta tas-socjeta attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess socjetajiet/entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 12 ta' April 2012 (Dok. J fol. 61).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi prodotti ta’ *laundry detergent/washing powder* bil-markji “ARIEL” u “PROCTER & GAMBLE”, li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru CMAU 8183875 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lis-socjetajiet/entitajiet konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tordna lis-socjetajiet/entitajiet konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. J fol. 61;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------